

# Inkwatru tal-Viżitazzjoni fil-knisja tal-Madonna tal-Pilar fil-Belt Valletta

**Mario Fenech**

Il-Knisja tal-Madonna tal-Pilar fil-Belt Valletta mibnija fis-sena 1670 mil-Kommendatur Fra Felix de Ayerbe u fuq ix-xewqa tiegħu ddedikata lill-Madonna b`dan it-Titlu hija mżejna b`għadd ta` opri sagri sbieħ. Dawn l-opri huma xogħol ta` wħud mill-aqwa mgħallmin li kien hawn f`Malta matul is-snin.

Tolqot l-għajn f`din il-Knisja l-prospettiva li ddawwar l-inkwatru ta` fuq l-altar maġġur minquxa b`tant reqqa fil-ġebla Maltija, kif ukoll il-pittura tas-saqaf ta` fuq l-istess altar xogħol tal-artist Ġannikol Buhagiar.

Fil-korsija tal-knisja, tnejn fuq kull naħa, hemm erba` inkwatri ta`daqs kbir li fihom hemm episodji mill-ħajja tal-Verġni Marija.

Fihom hemm ix-xeni tat-Twelid tal-Madonna, ż-żwieg mistiku tal-Madonna ma' San Ġuzepp, it-Tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel u l-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Elizabetta.

Dawn l-erba' xogħlijiet t`artist mhux magħruf, qegħdin fi gwarniċuni skulturati fl-injam indurat u huma ta' livell artistiku tajjeb ħafna.

Fl-inkwatru tal-Viżitazzjoni fiċ-ċentru tat-tila, l-artist pinġa l-figuri tal-Madonna u Santa Elizabbetta qegħdin jagħtu merħba lil xulxin.

Fuq in-naħa tal-lemin tat-tila jħares b`attenzjoni, Żakkarija filwaqt li ftit 'il bogħod minn din ix-xena mill-isbaħ ta' merħba jidher San Ġuzepp qiegħed jorbot ir-riedni tal-ħmar ma' zokk ta' siġra filwaqt li qiegħed josserva b`attenzjoni dak li qiegħed iseħħ quddiemu.

Peress li din it-tila hija waħda wiesgħa sew, biex jimla l-ispazju li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, l-artist inkluda numru ta' persunaġġi oħrajn fuq kull naħa.

Fuq in-naħa tax-xellug, raġel, mara u tifla qegħdin jieħdu pjaċir jaraw lill-Madonna u Santa Eliżabetta flimkien. Fuq in-naħa tal-lemin mara b`ċestin żgħir f`idejha.

Jolqtok il-fatt li l-ilbies ta` din il-mara huwa xi ftit rikk iżżejjed meta tqabblu ma dak li lebsin il-figuri l-oħrajn li jidru fl-inkwatru. Jista' jkun il-fatt li din il-figura qegħda tirrappreżenta lil xi benefattriċi li x`aktarx kienet ħallset biex isir dan l-inkwatru.

Din kienet użanza komuni li l-benefattur li jkun ħallas għall-inkwatru jkun inkluż fix-xena li jkun hemm fuq it-tila.

Hija ħasra li ma nafux min għamel dawn l-erba' inkwatru. Li hu żgur hu li dawn jagħtuna erba' xeni mill-isbaħ mill-ħajja t`Ommna Marija fuq din l-art.

JOE THEUMA

m: 7953 9721
t: 2156 4367